DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182096** **01.10.2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA**

***L-imsieħba soċjali u l-pubbliku jgħidu tagħhom dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex inżommu ħin wieħed tul is-sena kollha***

Intemmet il-konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex inżommu ħin wieħed tul is-sena kollha - proposta li qanqlet bosta reazzjonijiet, tant li kienu 'l fuq minn 2,000 persuna li ssottomettew il-fehma tagħhom permezz tal-pjattaforma *online* matul l-aħħar ġimgħa.

Din il-konsultazzjoni laħqet il-qofol tagħha b'laqgħa pubblika mmexxija mill-MEUSAC u bis-sehem tal-imsieħba soċjali fil-Berġa ta' Aragona.

Waqt li l-polz ta' dawk li pparteċipaw fil-konsultazzjoni *online* kien wieħed ċar favur li nżommu l-ħin tas-sajf matul is-sena kollha, l-imsieħba soċjali kienu pjuttost kawti dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Dawn tal-aħħar esprimew tħassib dwar il-potenzjal ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea li tista' tikkawża tfixkil serju lis-suq ewlieni, bis-servizzi finanzjarji, is-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu elenkati bħala industriji ewlenin li jistgħu jbatu mid-differenza fil-ħin bejn il-membri stati. F'dan il-kuntest kien hemm ukoll sejħiet biex isiru taħdidiet fuq livell reġjonali b'mod partikolari r-reġjun tal-Mediterran.

Tal-istess fehma kienet il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Helena Dalli li assigurat lil dawk preżenti li l-Gvern se jieħu pożizzjoni infurmata dwar din il-proposta. Apparti l-konsultazzjoni *online,* il-Ministeru ħa ħsieb li jsir studju xjentifiku dwar il-fehma pubblika u dik ta' min iħaddem, bir-riżultati jiġu ppreżentati lill-Kabinett għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

Fuq l-istess linja tkellem is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u d-Djalogu Soċjali Aaron Farrugia li fisser li din il-proposta tista' sservi ta' opportunità biex neliminaw l-anomaliji eżistenti. Għaldaqstant, Aaron Farrugia saħaq li hu importanti ħafna li l-membri stati jaqblu dwar pożizzjoni komuni biex nevitaw il-ħolqien ta' anomaliji ġodda li jistgħu jimminaw l-ekonomija lokali, Ewropea u internazzjonali.

Il-Kap tas-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea Glenn Micallef spjega li n-negozjati bħalissa għadhom fil-fażi teknika, bil-Presidenza Awstrijaka timmira li tikseb mandat mill-Kunsill Ewropew biex tibda n-negozjati mal-Parlament Ewropew sa nofs Ottubru. Dan bil-għan li l-proċess ikun konkluż sa Marzu 2019.

Jekk din il-proposta tiġi attwata mingħajr ebda tibdil, il-perjodu li jmiss ikun l-aħħar wieħed bil-ħin tax-xitwa, hekk kif mis-sena d-dieħla l-pjan tal-Kummissjoni Ewropea hu li nibqgħu bil-ħin tas-sajf.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u tal-istudju xjentifiku se jiġu ppubblikati fil-jiem li ġejjin.